**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

**JAF Insurance p.l.c. (C12345)**

**vs**

**John Agius (I.D. 845658M)**

**Rikors ta' JAF Insurance p.l.c. (C12345);**

Tesponi bir-rispett:

Illi b'kuntratt datat 7 ta' Mejju 1998 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar (kopja annessa bħala Dok. A) l-intimat John Agius irrikonoxxa ruħu debitur favur l-esponenti fl-ammont ta' wieħed u tletin elf, seba' mija u ħamsa u erbgħin ewro (EUR31,745) flimkien mal-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tal-kuntratt;

Illi għaddew iktar minn tliet (3) snin minn meta seta' jiġi eżegwit l-imsemmi kostituzzjoni ta' debitu u sallum il-kumpanija rikorrenti għadha ma tħallsitx l-ammont dovut lilha;

Għaldaqstant il-kumpanija rikorrenti titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tesegwixxi t-titolu eżekuttiv tagħha fuq imsemmi għall-ammont ta' wieħed u tletin elf, seba' mija u ħamsa u erbgħin ewro (EUR31,745) dovut bħala *sorte,* oltre għal ____________ (€_____) bħala imgħax sa llum, flimkien mal-ispejjeż u l-imgħax legali fuq is-*sorte* mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

**Av. Jonathan Abela Fiorentino**
***MAMO TCV***
*Palazzo Pietro Stiges*
*90,Strait Street*
*Valletta*

Rikorrenti: JAF Insurance plc, MTCV House, Valletta

Intimat: John Agius, 103, Strait Street, Valletta.